



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U L-KURA TAS-SAĦĦA



INTRODUZZJONI

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha sa mill-1952 tiżgura l-osservanza u l-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri. Matul is-snin, hija tat numru ta' sentenzi li saħħew l-integrazzjoni Ewropea filwaqt li taw liċ-ċittadini drittijiet dejjem iktar mifruxa, b'mod partikolari fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Il-paġni li ġejjin jippreżentaw uħud mis-sentenzi importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan is-suġġett.



IS-SITWAZZJONI LEGALI SAL-1998

Mill-1971, il-kwistjoni tal-kura tas-saħħa transkonfinali ġiet irregolata, fil-livell tal-Unjoni, mir-“Regolament Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta’ l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità”.

B’mod ġenerali, din il-leġiżlazzjoni tippermetti lill-pazjenti jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievu kura wara li jkunu kisbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-fond ta’ assigurazzjoni għall-mard tagħhom (formola S2). Meta tingħata din l-awtorizzazzjoni, l-ispejjeż tal-kura ġeneralment jitħallsu jew jiġu rrimborsati lill-pazjent skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż fejn tingħata l-kura, u dan anki jekk dawn it-tariffi jkunu ogħla milli fil-pajjiż tal-pazjent.

Fil-bidu tas-snin 90, l-Unjoni Ewropea saret żona mingħajr fruntieri, li ffaċilita l-moviment liberu tal-persuni. Minn dak il-mument, iktar u iktar pazjenti riedu li jiġu kkurati minn tobba stabbiliti fi Stat Membru ieħor, fejn il-kwistjoni prinċipali kienet dwar jekk huma kellhomx bżonn sistematikament, għal dan il-għan, awtorizzazzjoni minn qabel mill-fond ta’ assigurazzjoni għall-mard tagħhom. Fl-1998, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet żewġ kawżi li fihom il-pazjenti ma kinux talbu jew kisbu awtorizzazzjoni minn qabel, iżda riedu madankollu li jiġu rrimborsati mill-fond ta’ assigurazzjoni għall-mard tagħhom.



IS-SENTENZI KOHLL U DECKER TAL-1998

Is-sentenza Kohll: l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel meħtieġa għal kura ambulatorja ppjanata fi Stat Membru ieħor

FI-1994, R. Kohll, ċittadin Lussemburgiż, ried li bintu minuri tikseb kura minn ortodontist stabbilit fil-Ġermanja u talab l-awtorizzazzjoni mill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard Lussemburgiż. It-talba ġiet miċħuda għar-raġuni li l-kura ma kinitx urġenti u setgħet tiġi pprovduta fil-Lussemburgu. Billi invoka l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (u mhux ir-Regolament Nru 1408/71), R. Kohll qies li huwa kellu d-dritt li bintu tiġi kkurata fil-Ġermanja mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel u li jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż lill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tiegħu, mhux skont it-tariffi tal-pajjiż fejn tingħata l-kura (il-Ġermanja), iżda skont it-tariffi pprattikati għal din it-tip ta' kura fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħu (il-Lussemburgu).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kura mogħtija minn professjonist tal-kura tas-saħħa kellha titqies li hija servizz. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-ħlas, skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż tal-pazjent, ta' kura ambulatorja ppjanata jkun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel jikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, sa fejn tali awtorizzazzjoni tiskoraġġixxi lill-persuni assigurati milli jirrikorru għall-fornituri tal-kura tas-saħħa stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din il-leġiżlazzjoni la kienet iġġustifikata minn riskju ta' dannu gravi għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali u lanqas minn raġunijiet ta' saħħa pubblika ([28 ta' April 1998, Kohll, C-158/96](#)).



**IS-SENTENZI KOHLL U DECKER
TAL-1998**

Is-sentenza Decker: l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel meħtieġa għax-xiri, fi Stat Membru ieħor, ta' prodotti jew ta' apparati mediċi b'riċetta

Pazjent jista' jinħariġlu riċetta għal prodotti mediċinali jew għal apparati mediċi minn tabib stabbilit fi Stat Membru, u jista' jiddeċiedi li jixtri l-prodotti fi spiżerija li tinsab fi Stat Membru ieħor (kemm jekk imur jixtrihom fiżikament jew permezz ta' xiri b'korrispondenza). Dan kien il-każ ta' N. Decker li, fl-1992, xtara nuċċali fil-Belġju b'riċetta minn oftalmologu stabbilit fil-Lussemburgu. Il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard Lussemburgiż irrifjuta li jirrimborsa n-nuċċali, għar-raġuni li kien inxtara barra mill-pajjiż mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rifjut ta' rimbors ta' prodotti mediċi mixtrija, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxi ostakolu mhux iġġustifikat għall-moviment liberu tal-merkanzija, sa fejn tali rekwiżit ma huwiex iġġustifikat minn raġunijiet ta' saħħa pubblika sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodotti mediċi pprovduti fi Stati Membri oħra. Minn dak iż-żmien, pazjenti jistgħu jixtru, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, prodotti jew apparati mediċi fi Stat Membru, u jitolbu r-rimbors tagħhom lill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tagħhom skont it-tariffi pprattikati f'pajjiżhom ([28 ta' April 1998, Decker, C-120/95](#)).



**L-INFLUENZA TAS-SENTENZI
TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA DWAR
IL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE FIL-QASAM
TAL-KURA TAS-SAĦĦA**

Permezz tal-ġhoti tas-sentenzi Kohll u Decker fit-28 ta' April 1998 (ara l-paġni preċedenti), il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet sensiela twila ta' sentenzi li ispiraw lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex ibiddel b'mod sostanzjali l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Is-sentenzi Kohll u Decker urew fil-fatt li, b'mod parallel mas-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1408/71 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (ir Regolament Nru 574/72), li jipprevedu sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-ħlas ta' kura tas-saħħa ppjanata fi Stat Membru ieħor skont it-tariffi pprattikati f'dan tal-aħħar, il-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-Trattati (il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-kawża Kohll u l-moviment liberu tal-merkanzija l-libertà fil kawża Decker) jistgħu jiġu invokati sabiex jinkiseb il-ħlas, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard, ta' kura ambulatorja jew ta' spejjeż relatati max-xiri ta' prodotti mediċi fi Stat Membru ieħor skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż tal-pazjent.

Permezz tal-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk ikkontribwixxiet progressivament għad-definizzjoni tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet taċ-ċittadini f'dan il-qasam. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza ġiet ikkodifikata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, permezz tal-adozzjoni tar-Regolamenti Nri 883/04 u 987/09 u tad-Direttiva 2011/24, li llum joffru liċ-ċittadini regoli ddettaljati dwar il-ħlas ta' kura u ta' spejjeż relatati max-xiri ta' prodotti mediċi fi Stat Membru ieħor.



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IR-REGOLAMENT
TAL-1971 (IKKODIFIKATA
FIR-REGOLAMENTI TAL-2004 U
TAL-2009)**

Wara s-sentenzi Kohll u Decker, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tinterpreta diversi drabi r-Regolament tal-1971, u dan f'żewġ oqsma ewlenin: il-kura fi sptar ippjanata u l-kura fi sptar mhux ippjanata.



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IR-REGOLAMENT
TAL-1971 (IKKODIFIKATA
FIR-REGOLAMENTI TAL-2004 U
TAL-2009)**

Kura fi sptar ippjanata

Meta l-awtorizzazzjoni neċessarja għal kura fi sptar ippjanata fi Stat Membru ieħor tkun ġiet irrifjutata b'mod żbaljat u din, għal xi raġuni, tingħata wara d-dħul fl-isptar, il-pazjent għandu d-dritt għar-rimbors tal-spejjeż sostnuti bl-istess mod bħallikieku l-awtorizzazzjoni kienet inħarġet fil-ħin ([12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel et, C-368/98](#)).

Sabiex pazjent ma jingħatax l-awtorizzazzjoni li jikseb kura fi sptar barra mill-pajjiż għar-raġuni li jista' jiġi kkurat, wara ċertu perijodu ta' żmien, fi sptar f'pajjiżu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li l-perijodu ta' żmien stabbilit ma jaqbiżx iż-żmien medikament aċċettabbli fid-dawl tal-istat ta' saħħa u tal-bżonnijiet kliniċi tal-pazjent ([16 ta' Mejju 2006, Watts, C-372/04](#)). Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni minn qabel ma tistax tiġi rrifjutata meta nuqqas ta' provvisti mediċi bażiċi jipprekludi li pazjent jirċievi kura fi sptar fi żmien xieraq f'pajjiżu ([9 ta' Ottubru 2014, Petru, C-268/13](#)).

Min-naħa l-oħra, l-awtorizzazzjoni minn qabel tista' tiġi rrifjutata jekk is-servizzi mediċi pprovduti barra mill-pajjiż ma jkunux koperti mis-sistema ta' sigurtà soċjali tal-pazjent. Madankollu, jekk il-metodu ta' kura applikat barra mill-pajjiż jikkorrispondi għal servizzi mħallsa fl-Istat Membru tal-pazjent, l-awtorizzazzjoni minn qabel ma tistax tiġi rrifjutata għar-raġuni li tali metodu ma jkunx ipprattikat f'dan l-Istat Membru ([5 ta' Ottubru 2010, Elchinov, C-173/09](#)).

Meta pazjent ikun kiseb l-awtorizzazzjoni sabiex jingħata kura fi sptar fi Stat Membru ieħor u jbat i parti mill-ispejjeż tal-isptar, huwa jista' jitlob lill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tiegħu r-rimbors parzjali jew sħiħ ta' dawn l-ispejjeż skont l-ispiża tal kura ekwivalenti f'pajjiżu ([16 ta' Mejju 2006, Watts, C-372/04](#)).



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IR-REGOLAMENT
TAL-1971 (IKKODIFIKATA
FIR-REGOLAMENTI TAL-2004 U
TAL-2009)**

Kura fi sptar mhux ippjanata

Ir-Regolament tal-1971, li ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 883/04, jipprevedi li persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li l-istat ta' saħħa tagħha jkun jirrikjedi immedjatament kura tas-saħħa waqt soġġorn fi Stat Membru ieħor (kura medika urġenti) għandha d-dritt li l-ispejjeż għal din il kura jitħallsu mill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tagħha, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel minn dan tal-aħħar, skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż fejn tingħata l-kura.

Meta pensjonant jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor u jkollu jittieħed l-isptar b'urġenza, il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tiegħu ma jistax jissuġġetta l-ħlas tal-ispejjeż mediċi għal awtorizzazzjoni minn qabel u lanqas għall-kundizzjoni li l-marda li minnha ssofri din il-persuna tkun immanifestat ruħha f'daqqa, minkejja li din il-kundizzjoni hija applikabbli għall-ħaddiema impjegati u li jaħdmu għal rashom. Id-differenza fit-trattament bejn il-pensjonanti u l-ħaddiema hija spjegata mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiffavorixxi l-mobbiltà effettiva tal-pensjonanti billi jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-vulnerabbiltà u d-dipendenza ikbar tagħhom fil-qasam tas-saħħa ([25 ta' Frar 2003, IKA, C-326/00](#)).

Barra minn hekk, meta persuna li jkollha awtorizzazzjoni minn qabel tiġi kkurata fi Stat Membru ieħor u t-tobba ta' dan l-Istat jiddeċiedu li jibagħtuha, għal raġunijiet ta' urġenza medika, fi sptar li jinsab fi Stat li ma jkunx parti mill-UE (l-Isvizzera, pereżempju), il-pazjent jista' jkompli jibbenefika mill-ħlas tal-ispejjeż mediċi. Fil fatt, il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tal-pazjent għandu joqgħod fuq il-parir tat-tobba tal-Istat Membru fejn tingħata l-kura, li jkunu jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jevalwaw il-kura meħtieġa mill-pazjent ([12 ta' April 2005, Keller, C-145/03](#)).

Fl-aħħar nett, fil-każ li tingħata kura fi sptar b'urġenza waqt btala fi Stat Membru ieħor, il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tal-pazjent jista' jirrifjuta li jirrimborsa l-ispejjeż li, fl-Istat fejn tingħata l-kura, ikollhom' jitħallsu mill-pazjenti (bħal pereżempju l-perċentwali tat-tariffa li għandha titħallas mill-pazjent) ([15 ta' Ġunju 2010, Il Kummissjoni vs Spanja, C-211/08](#)).



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IL-LIBERTÀ
LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI
(IKKODIFIKATA FID-DIRETTIVA
TAL-2011)**

Wara s-sentenza Kohll tal-1998, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-ġurisprudenza tagħha fil-każ fejn persuna tiddeċiedi li tiġi kkurata fi Stat Membru ieħor mhux fuq il-bażi tar-Regolament tal-1971, iżda taħt il-libertà li jiġu pprovvduti servizzi. Dawn il-preċiżazzjonijiet jikkonċernaw biss il-kura medika (ambulatorja u fi sptar) ippjanata, u mhux il-kura medika b'urġenza (kura mhux mistennija).



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IL-LIBERTÀ
LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI
(IKKODIFIKATA FID-DIRETTIVA
TAL-2011)**

Kura ambulatorja ppjanata li ma tingħatax fi sptar

F'konformità mas-sentenza Kohll, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kinitx meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għal kura ambulatorja li ma tingħatax fi sptar u li tingħata fi Stat Membru ieħor minn fornituri mhux approvati ([13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u Van Riet, C-385/99](#)). Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jissuġġettaw il-ħlas tal-ispejjeż għal kura termali barra mill-pajjiż għall-kundizzjoni li l-possibbiltajiet ta' suċċess ta' din il-kura jkunu ferm ogħla ([18 ta' Marzu 2004, Leichtle, C-8/02](#)).

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom il-possibbiltà għall-persuni assigurati li jingħataw rimbors tal-ispejjeż tal-analiżijiet u tal-eżamijiet tal-laboratorju mwettqa fi Stat Membru ieħor ([27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-490/09](#)). Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw il-ħlas ta' kura ambulatorja mogħtija barra mill-pajjiż għall-każ eċċezzjonali fejn is-sistema tas-saħħa nazzjonali ma jkollhiex soluzzjoni ta' kura għall-pazjent assigurat ([27 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-255/09](#)).

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, madankollu, li l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw ir-rimbors ta' kura ambulatorja pprovduta fi Stat Membru ieħor għal awtorizzazzjoni minn qabel, jekk tali kura tkun teħtieġ l-użu ta' tagħmir tqil (pereżempju MRI jew PET-SCAN). Fil-fatt, minħabba n-natura partikolarment oneruża tiegħu, għandu jkun hemm il-possibbiltà li tali tagħmir ikun suġġett, bħas-servizzi ta' sptar, għal politika ta' ppjanar sabiex jiġi ggarantit, fit-territorju nazzjonali kollu, għoti ta' kura li jkun effikaċi, stabbli, ibbilanċjat u aċċessibbli kif ukoll sabiex tiġi evitata kwalunkwe ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani. Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal din it-tip ta' kura jikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni ġġustifikata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ([5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-512/08](#)).



**IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI
TAL-ĠUSTIZZJA DWAR IL-LIBERTÀ
LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI
(IKKODIFIKATA FID-DIRETTIVA
TAL-2011)**

Kura fi sptar ippjanata

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, kuntrarjament għall-kura ambulatorja li ma tingħatax fi sptar (ara l-paġna preċedenti), ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal kura fi sptar jista' jkun iġġustifikat min-neċessità li tiġi ggarantita aċċessibbiltà suffiċjenti u permanenti għal firxa bbilanċjata ta' tipi ta' kura fi sptar ta' kwalità għolja fl-Istat Membru inkwistjoni, li jiġi żgurat il-kontroll tal-ispejjeż u li tiġi evitata heġa tar-riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani. Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb tali awtorizzazzjoni minn qabel għandhom ikunu iġġustifikati, mhux diskriminatorji u proporzjonati ([12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerboms, C-157/99](#)). Minn dan isegwi li, fil-każ ta' kura fi sptar ippjanata, awtorizzazzjoni minn qabel tkun dejjem meħtieġa, kemm jekk jinkiseb il-ħlas tagħhom skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż fejn tingħata l-kura (Regolamenti tal-2004 u tal-2009) jew skont it-tariffi pprattikati fil-pajjiż tal-pazjent (Direttiva tal-2011).

Awtorizzazzjoni minn qabel tista' tiġi rrifjutata jekk tkun teżisti, fil-pajjiż tal-pazjent, kura identika jew li jkollha l-istess grad ta' effikaċja bħal dik mogħtija barra mill-pajjiż u jekk dan it-trattament ikun jista' jingħata fi żmien opportun fil-pajjiż tal-pazjent. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni u l-istorja medika tal-pazjent, l-evoluzzjoni probabbli tal-marda kif ukoll il-grad ta' uġiġħ jew in-natura tad-diżabbiltà ([13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u Van Riet, C-385/99](#)).

Stat Membru ma jistax jillimita r-rimbors tal-ispejjeż tal-isptar għal ċerti kategoriji ta' persuni (pereżempju għat-tfal) jew skont in-natura pubblika jew privata tal-isptar li jkun qiegħed jipprovdi l-kura. Fil-fatt, esklużjoni daqstant wiesgħa tar-rimbors tal-ispejjeż tal-isptar tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, sa fejn hija tiskoraġġixxi jew saħansitra twaqqaf il-pazjenti milli jiksbu kura fi sptarijiet li jinsabu fi Stati Membri oħra ([19 ta' April 2007, Stamatelaki, C-444/05](#)).

Fl-aħħar nett, jekk it-tariffi applikabbli fil-pajjiż fejn tingħata l-kura jkunu iktar baxxi, għall-kura fl-isptar inkwistjoni, minn dawk li jkunu fis-seħħ fil-pajjiż tal-pazjent, dan tal-aħħar għandu dritt għal rimbors supplimentari li jikkorrispondi mad-differenza bejn dawn iż-żewġ tariffi ("suppliment differenzjali") ([12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel et, C-368/98](#)).



RIMBORS TAL-ISPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR U TA' AKKOMODAZZJONI

Meta pazjent imur fi Stat Membru ieħor sabiex hemmhekk jirċievi kura, huwa jinkorri neċessarjament spejjeż tal-ivvjaġġar jew spejjeż ta' akkomodazzjoni. Għalhekk, il-mistoqsija li tqum hija dwar jekk il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tal-pazjent għandux jirrimborsa wkoll dawn l-ispejjeż.

Pazjent li jiġi awtorizzat mill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tiegħu jmur fi Stat Membru ieħor sabiex hemmhekk jirċievi kura fil-kuntest tar-Regolament tal-1971 (jew tar-Regolamenti tal-2004 u tal-2009) ma jistax jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu jew, fil-każ ta' kura ambulatorja, tal-ispejjeż ta' akkomodazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' kura fi sptar ippjanata, l-ispejjeż ta' soġġorn u ta' ikel jiġu rrimborsati. Fil-fatt, l-obbligu ta' rimbors jirrigwarda esklużivament l-ispejjeż marbuta mal-kura tas-saħħa miksuba mill-pazjent fl-Istat Membru fejn tingħata l-kura ([15 ta' Ġunju 2006, Herrera, C-466/04](#)).

L-istess japplika meta l-awtorizzazzjoni tingħata permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Direttiva tal-2011). Madankollu, jekk l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' akkomodazzjoni jiġihallu mill-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tal-pazjent għal kura mogħtija fit-territorju nazzjonali, dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rrimborsati meta l-pazjent imur jikkura ruħu fi Stat Membru ieħor ([16 ta' Mejju 2006, Watts, C-372/04](#)).

Fil-każijiet kollha (kemm jekk taħt ir-Regolamenti jew taħt id-Direttiva), l-Istati Membri huma liberi, jekk jixtiequ, li jirrimborsaw l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' akkomodazzjoni.



IX-XIRI B'KORRISPONDENZA TA' PRODOTTI JEW APPARATI MEDIĊI



Wara s-sentenza Decker tal-1998, il-Qorti tal Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiżar l-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari fil-qasam tax-xiri ta' prodotti u ta' apparati mediċi mwettaq b'korrispondenza.

Stat Membru ma jistax jipprojbixxi l-bejgħ b'korrispondenza ta' prodotti mediċinali awtorizzati fis-suq tiegħu u mhux suġġetti għal riċetta. Madankollu, projbizzjoni nazzjonali ta' bejgħ b'korrispondenza ta' prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta tista' tkun iġġustifikata. Tabilħaqq, il-fatt li dawn il-prodotti mediċinali jkunu jistgħu jiġu pprovduti b'korrispondenza u mingħajr kontroll jista' jżid ir-riskju li r-riċetti jkunu suġġetti għal użu abbużiv u inkorrett. Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-ittikkettjar tal-prodott mediċinali jkun f'lingwa oħra tista' jkollha konsegwenzi iktar dannużi meta jkunu prodotti mediċinali suġġetti għal riċetti ([11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband, C-322/01](#)).

Fl-aħħar nett, Stat Membru ma jistax jiffissa prezzijiet uniformi għall-prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta, peress li l-iffissar ta' tali prezzijiet jista' jostakola l-aċċess għas-suq tal-ispiżeriji barranin u tal-ispiżeriji li jbigħu b'korrispondenza ([19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15](#)).



**GĦAL IKTAR
INFORMAZZJONI**

F'kull Stat Membru, il-“punti ta’ kuntatt nazzjonali” b’għarfien espert dwar il-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ġew stabbiliti sabiex iwieġbu għal mistoqsijiet dwar kwistjonijiet prattiċi ta’ persuni li jkunu jixtiequ jikkuraw ruħhom fi Stat Membru ieħor. Il-lista aġġornata ta’ dawn il-punti ta’ kuntatt nazzjonali tista’ tiġi kkonsultata fuq l-internet fil-link li ġej: https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/cross_border_care/docs/cbhc_ncp_en.pdf





IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

—
Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

Settembru 2018

